MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Numru 581/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffey Cilia**
**Vs**

**JOSEPH CINI**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **JOSEPH CINI** ta' sebgha u tletin sena, bin Joseph u Jane nee Buttigieg, residenti, detentur tal-karta tal-identita numru 304644M residenti l-Facilita Koreetiva ta’ Kordin, gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fit-tliet ta’ Marzu 1991 f’xi hin wara nofsinhar gewwa Ta’ Xbiex, ikkommetta serq ta’ flus li jeccedu l-elf lira maltin u kwantita ta’ *jewllery* u *silverware* li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira maltin minn gewwa fond numru 159, sitwat f’ Tower Road, Sliema ghad-detriment ta’ Reginald Fava, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur;

2. Talli fl-istess data, lok u hin u cirkostanzi hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobmli u liema hsara tisorri l-ghaxar liri maltin izda mhux aktar minn hamsin lira maltin u dan ghad-detriment ta’ Reginald Fava.

3. Talli ukoll f’dawn il-Gzejjer nhar it-tnax ta’ Jannar 1999 u fiz-zminijiet ta’ wara, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistat b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom.

4. Kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali b’sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati tmienja ta’ Marzu 1993, sebgha w ghoxrin ta’ Mejju 1993, ghaxra ta’ Lulju 1996 u mill-Qorti tal-Appell fit-tletin ta’ Lulju 1997.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom il-process verbal redatt mill-allura Magistrat Dottor Noel Cuschieri, u l-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha u ghoxrin ta’ Gunju 2004 sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi ttrattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tal-Qorti li gie registrat nhar id-dsatax ta’ Lulju 2004 (fol.259).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u dawk tad-difiza.

Rat illi mill-ghaxra ta’ Novembru 2004 (fol. 270) sas-sebgha t’April 2009, l-imputat ma dehrex il-Qorti ghalkemm din il-kawza kienet fi stadju ta’ provi tad-difiza w ghalhekk ghal kwazi hames snin shah, ma gie registrat l-ebda progress.

Rat ukoll li mis-sebgha t'April 2009 sa l-ahhar seduta u cioe dik tad-disgha w ghoxrin t'Ottubru 2009, l-imputat kien jidher il-Qorti, izda dejjem mhux assistit w ghalkemm din il-Qorti stenniet diversi drabi lid-difiza, dan kien inutilment.

Rat il-verbal taghha tad-disgha w ghoxrin t'Ottubru 2009 fejn din il-Qorti kienet iddifferiet il-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolo bil-fakolta li l-partijiet jaghmlu n-noti ta' sottomissjonijiet taghhom, izda hadd mill-partijiet m'ipprezenta tali nota.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar il-hamsa ta' Novembru 2001 xehed l-allura **Spettur Noel Cutajar** u spjega li fit-tlettax t'Awwissu 2000 kien gi infurmat mill-Brigadier Maurice Calleja li kien xtara xi pitturi minghand certu Joseph Vassallo ta' 'Vassallo Antiques' u dan qallu waqt li kien qed jirristawra l-pitturi, kien mar habib tieghu u qallu li l-pittura li kien qed jirristawra, kienet misruqa minghand certu Sur Ripard mill-Madliena. Fil-fatt dan is-Sur Ripard mar ghandu w ikkonfermalu li dik il-pittura kienet giet misruqa minghandu ftit ta zmien qabel. Jghid li s-Sur Ripard mar fl-ufficcju tieghu sabiex jara il-pittura li kien hadlu l-Brigadier Maurice Calleja u dan kien ikkonfermalu li kienet tieghu. Sussegwentement huwa kkomunika ma Joseph Vassallo u dan ikkonfermalu li kien effettivament biegh lil Brigadier Maurice Calleja l-pittura li kien xtara minghand Joseph Cini maghruf bhala il-'Pele'.

Meta Joseph Vassallo kien gie mistoqsi jekk effettivament kienx xtara xi oggetti ohra minghand dan Joseph Cini, dan ikkonfermalu li kien hemm xi oggetti tal-fidda, ohrajn tac-ceramika kif ukoll xi pitturi ohra li kienu ghadhom fil-hanut tieghu. Gie nfurmat ukoll minghand il-Kummissarju tal-Pulizija li whud mill-oggetti tal-fidda li kien xtara Vassallo minghand Joseph Cini, kienu jappartjenu lil certu Reginald Fava li kien gie misruq minn tas-Sliema xi zmien qabel. Fil-fatt huwa kien baghat ghal dan Reginald Fava w ikkonfermalu li kien hemm oggetti li kienu tieghu, fosthom

zukkariera tal-fidda li kien xtara mill-Monte di Pieta fis-sena 1986 ghal prezz ta' hames mitt lira maltin (LM500).

Huwa mbaghad rega' affronta lil dan Joseph Cini u talbu spjegzzjoni u qallu li ma setax kien hu li ghamel is-serqa ghaliex fis-sena 1991 huwa kien il-habs. Huwa ghamel l-verifiki tieghu ma xi ufficcjali tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin u dan qallu li l-imputat hareg mill-habs nhar it-tmienja ta' Marzu 1991.

Huwa esebixxa disgha ritratti ta' hlsijiet li saru lill-imputat li gew markati bhala Dok. CSH 3 sa CSH 9 u *statement* rilaxxjat mill-imputat li gie markat bhala Dok. CSH 10. Ix-xhud ighid ukoll li meta l-imputat gie kkonfrontat sabiex jikkonferma jekk l-oggetti li nstabu fil-hanut ta' Joseph Vassallo, gewx verament mibjugha minnu, l-imputat jghid li ma setghax jikkonferma din l-allegazzjoni.

Illi nhar il-hamsa ta' Novembru 2001 xehed **Joseph Vassallo** u stqarr illi huwa ghandu hanut minn fejn ibiegh l-antikitajiet f'Tas Sliema u kkonferma li l-imputat odjern kien mar il-hanut tieghu u bieghlu xi oggetti fosthom fided w inkwantri.  Jghid li huwa kien staqsa minn fejn kien gab dawn l-affarijiet u l-imputat kien qallu li kien wiret hafna minnhom w ghal kumplament qallu li kien xtahom hu stess ftit qabel.  Jghid li jiftakar li kien tara xi zewg kaffetieri u zewg zukkarieri u sebgha nkwadri. Mistoqsi kemm kien hallas ghal dawn l-affarijiet, jghid li ma jiftakarx, pero kien ghadda kopja tac-cekkijiet li kien hallas bihom lill-ufficcjal investigattiv. Ikkonferma li apparti dawn ic-cekkijiet esebiti w markati bhala Dok. CSH 3 sa CSH 9 jghid li kien ta' wkoll xi flejjes *cash* lill-imputat.

Qal li sussegentement, wara li kien xtara dawn l-affarijiet, huwa kien esponihom ghall-biegh u fost l-affarijiet li kien biegh, kien hemm il-pittura li kien xtara l-Brigadier Maurice Calleja.

Ikkonferma li kien hemm ukoll zukkariera tal-fidda li gharaf il-Qorti esebita bhala Dok. CSH 2.  Jghid ukoll li mieghu dakinhar meta xtara l-affarijiet, kien hemm ibnu Stephen Vassallo u kienu marru jittawwlu fil-van tieghu biex jaraw

x’jinteresshom u hekk ghamlu biex ghazlu l-oggetti li xtraw.
**Stephen Vassallo** xehed fl-istess jum u kkonferma li verament huwa jahdem ma missieru Joseph Vassallo fil-hanut li ghandu tal-antikitajiet f’Tas-Sliema. Ix-xhud ikkonferma li missieru kien xtara xi oggetti tal-fidda fosthom zukkariera u xi inkwadri, minghand l-imputat u li kien esponihom ghall-biegh. Ikkonferma li l-Brigadier Maurice Calleja kien xtara pittura minnhom.

Rat id-digriet taghha tal-hdax ta’ Diembru 2001 fejn kienet innominat lill-espert tad-deheb u fidda certu John Mallia sabiex jiddiskrivi iz-zukkariera esebita il-Qorti bhala Dok. CSH 2 u jaghti valur.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta’ Jannar 2002 xehed **John Mallia** u spjega li z-zukkariera li huwa ezamina kienet wahda tal-fidda ta’ Malta mill-perjodu 1800 u ghandha valur ta’ elf u hames mitt lira maltin (LM1,500)**.** Huwa esebixxa r-relazjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. JM (fol. 53).

**Reginald Fava** xehed nhar is-sittax ta’ Lulju 2002 w ikkonferma li nhar it-tlieta ta’ Marzu 1991 huwa kien safa vittma ta’ serq u dan mill-fond tieghu li kellu t’Tower Road, Sliema. Qal li dakinhar kien hareg mal-familja tieghu u meta rritorna lura d-dar, sab kollox ta’ taht fuq u diversi oggetti nieqsa.

Snin wara jiftakar li kien qed jitkellem mal-Kummissarju tal-Pulizija dwar serqa ohra li kellu fil-fond residenzjali tieghu tas-sajf u dakinhar il-Kummissarju tal-Pulizija kien qallu li kienu sabu xi oggetti tal-fidda u kien talbu jekk riedx jarhom. Naturalment huwa rahom w iddentifika wiehdd minn dawk l-oggetti li kien hemm, u cioe zukkariera tal-fidda bhala li kienet tieghu. Jghid li jiftakar ukoll li kien irtira din iz-zukkariera mill-Qorti. Ikkonferma li s-serqa li kellu fis-sena 1991 kellha valur ta’ circa sittin elf lira maltin (LM60,000). Jghid li huwa kien kopert b’polza tas-sigurta u li kien thallas ghal parti mis-serqa.
Rat ir-relazzjonijiet tal-esperti nominati fl-inkjesta fosthom dik tal-Perit Arkitett Richard Aquilina, PC 490 Joseph

Aloisio, PC 1510 Michael Pace u ex PC 263 Mario Azzopardi kif konfermati minnhom stess quddiem l-imputat.

Rat il-verbal taghha tal-ewwel t'April 2005 fejn fuq talba tad-difiza, kienet saret talba sabiex din il-Qorti tinnomina *probation officer* sabiex ihejji *pre sentencing report* fuq l-imputat u f'din l-istess seduta il-Qorti kienet giet infurmata li l-imputat tkien jinsab tatt l-attensjoni tal-Probation Officer Carmen Nygard u kien ghalhekk li din il-Qorti f'dik l-istess seduta, kienet innominat lilha biex taghmel dak mitlub mid-difiza.

Semghet lil **John Mifsud** jixhed fis-seduta tal-ghaxra ta' Settemrbu 2003 fejn ikkonferma li huwa kien l-ufficcjal prosekutur fis-sentenza li nghatat nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Mejju 1993 (fol. 74) mill-allura Magistrat Dottor David Scicluna fil-konfront tal-imputat odjern u ta' terzi w gharaf lill-imputat odjern bhala l-istess persuna kontra min inghata din is-sentenza. F'din is-sentenza l-imputat kien instab hati ta' pussess ta' droga u kien gie kkundannat ihallas multa.

Rat il-verbal tat-tnax ta' Novembru 2003 (fol. 182) fejn id-difiza kienet ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq lill-allura Spettur Charles Demicoli u l-allura Spettur Ray Vella Gregory milli jikkonfermaw is-sentenzi esbiti f'dawn il-proceduri u dan ghaliex qablu li jekk l-imputat jinstab hati tal-akkuzi, ghandu jinsab hati wkoll talli huwa recidiv.

Rat ir-rikors tas-Senior Probation Officer fejn infurmat lil Qorti li l-Probation Officer Carmen Nygard ma kienitx ghadha mpjegata mal-Ufficcju tal-Probation w ghalhekk talbet li din tigi sostitwita bil-Proabtion Officer Maryrose Farrugia. Il-Qorti kienet laqghet it-talba nhar l-erbatax ta' Marzu 2003.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2004 xehdet **Maryrose Farrugia** w ipprezentat ir-relazzjoni taghha li giet immarkata bhala Dok. MV. Minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat kellu trobbija difficli fis-sens li ma kienx jingwalha hafna mal-genituri tieghu u kien ikollu hafna

*trouble* anke mal-pulizija ezekuttiva. Tghid li sahansitra t'erbatax il-sena mar ighix l-Ingilterra u kien jahdem bhala *door boy* fil-West End u spicca il-habs f'Borstel l-Ingilterra. Tghid ukoll li l-imputat kellu problema ta' droga sa minn meta beda jghix Londra. Tikkummenta wkoll dwar il-fedina penali tieghu li hija *record* u dan ghaliex kellu tletin *conviction* registrati fuqha bejn it-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 1979 u is-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2003 li jinkludu hafna reati differenti fosthom pussess w abbuz ta' droga, serq aggravate, nuqqas t'ubbidjenza lejn l-ufficcjali pubblici, ksur tal-bon ordni anke fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Tispjega li l-imputat anke ttanta jaghmel programm sabiex jindirizza l-problema ta' droga li kellu, pero ma lahaqx iggradwa, ghaliex kien irrifjuta l-*aftercare* w anke kien *relapse*.

Semghet ix-xhud ta-difiza PS 1211 Richard Zammit jixhed u jikkonferma li fit-tlieta ta' Marzu 1991 l-imputat kien residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Jghid li kien gie ammess fit-tmienja ta' Frar 1991 u kien inghata l-liberta provizorja nhar it-tmienja ta' Marzu 1991, xahar wara. Ikkonferma li f'dan ix-xahar li l-imputat kien ghamel l-habs, l-imputat ma kien ibbenifika minn ebda *prison leave*. Huwa esbixxa dokument mahrug mill-Ministeru tal-Gustizzja li jikkonferma l-perjodi li l-imputat ghamel il-habs. Relevanti ghal dan il-kaz huwa il-perjodu ta' bejn it-tletin ta' Lulju 1997 sal-erbgha ta' Mejju 1999 u bejn is-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2001 sad-disgha ta' Marzu 2002.

Ikkunsidrat:-

Illi l-prosekuzzjoni ppruvat bla dubbju ta' xejn, li kienet saret serqa fil-fond proprjeta ta' Reginald Fava f'159, Tower Road, Sliema nhar it-tlieta ta' Marzu 1991 u li din is-serqa kienet aggravata bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin. Illi gie wkoll ippruvat mill-prosekuzzjoni, li z-zukkariera li nsterqet minn dan il-fond, kienet fil-pussess tal-imputat ghal xi zmien u spiccat f'idejn Joseph Vasallo. Illi pero meta Joseph Vassallo kien xtara l-oggetti minghand Joseph Cini, ma jirrizultax, izda zgur qabel Novembru 1999 meta huma datati ic-cekkijiet li bihom

hallas lill-imputat ghal dak li kien xtara fosthom iz-zukkariera. Ghalhekk dawn l-oggetti kienu ghandu tmien snin wara s-serqa. Ma jirrizultax meta gew f'idejn l-imputat, pero zgur li kienu f'idejh tmin snin wara s-serqa.

Il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova dwar kif sar in-negozju bejn l-imputat u Joseph Vassallo, tikkonferma biss li effettivament kien sar negozju u dan wara li Joseph Vassallo kien xtara l-oggetti minghand l-imputat versu korrispettiv. Meta Joseph Vassallo gie mitlub jghid kemm kien xtara l-oggetti, jghid li ma jiftakarx, izda esebixxa kopja tac-cekkijiet li kien hallas ghalihom. Ma jirrizultax x'tip t'oggetti kien xtara apparti l-inkwadru li xtara l-Brigadier Maurice Calleja li ma kienitx tappartjeni lil Reginald Fava u z-zukkariera li giet stmata ghal valur ta' elf u hames mitt lira maltin. Il-Qorti m'ghandhiex il-valur tal-oggetti l-ohra li kien xtara sabiex tara jekk kienx hemm xi *under valuation*. Lanqas m'ghandha xi cirkostanzi barra minn hawn, fis-sens li jnissilu xi dubbju fl-operat ta' Joseph Vassallo. Jghid li xtara dawn l-oggetti minn go van matul il-gurnata wara li l-imputat kien qallu li kien wirithom jew li kien xtrahom.

L-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri, pero kien irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investogazzjoni. L-imputat jikkonferma li kien xtara l-oggetti li gew murija lilu mill-pulizija fl-uficcju taghhom, jikkonerma li kien biegh uhud minnhom lill Joseph Vassallo u li kien thallas permezz ta' cekkijiet. Jghid pero li ma hux minnu li kien seraqhom jew li kien jaf li kienu gejjin minn xi serq. Jghid li kien xtahom minghand certu wiehed maghruf bhala Pawlu Spagnol u xi nies ohra minnu msemmija.

Dwar ic-cirkostanzi tal-vendita pero l-pulizija ma tressaq l-ebda prova ohra, la ressqet lill-persuna minghand minn xtara l-imputat u lanqas ma ressqet lil xi xhud li ra n-negozjati ghaddejja.

Ikkunsidrat ulterjorment:-

Il-Pulizija principalment akkuzat lill-imputat bis-serq li sar mill-fond 159, Tower Road, Sliema nhar it-tlieta ta' Marzu

1991 u li ghamel hsara volontarja fl-istess proprjeta. Dwar dan, il-Qorti ma ssibx li ghandha wisq xi tghid in vista tax-xhieda moghtija minn PS 1211 Richard Zammit li qal li dakinhar l-imputat kien il-habs.

Ghalhekk zgur li tali akkuzi ma jistghu qatt jirrizultaw ippruvati fil-konfront tal-imputat odjern.

Il-Qorti jiddispjaciha tara li l-pulizija kienet mgharrfa mill-imputat stess meta kien qed jigi indagat, li huwa kien il-habs fil-jum tal-allegat serq, izda ghazlet li tinjora din l-investigazzjoni u tara jekk l-imputat kienx qed ighid is-sewwa, tressqu l-Qorti nonostante din l-allegazzjoni u trid tkun il-Qorti li tinvestiga cirkostanza bhal din sabiex tiddikjara li **QATT** ma messu tressaq il-Qorti w akkuzat b'dawn iz-zewg reati. Kieku l-Ufficcjal Prosekutur Noel Cutajar li ressaq lil imputat il-Qorti fis-sena 2001, ghamel xoghlu sew, zgur li dan il-kaz ma kienx jispicca f'idejn il-Qorti.

Dwar it-tielet akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni ghal diversi oggetti wara it-tnax ta' Jannar 1999, l-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi migbura u ma tarax kif l-prosekuzzjoni wzat id-data tat-tnax ta' Jannar 1999. Mill-provi prodotti jirrizulta biss li xi snin wara s-serqa li saret ghand Reginald Fava nstabet fil-pussess tal-imputat zukkariera li 'n segwitu kien biegh lil Joseph Vassallo. Illi dan in-negozju sar tmien snin wara li geit misruqa. L-imputat jghid minghand min kien xtara din iz-zukkariera. Illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx fejn sar in-negozju 'n kwisjtoni. Ma qalet xejn dwar il-prezz li bih inxtrat iz-zukkariera u wisq inqas dwar ic-cirkostanzi tal-vendita. Illi ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti tiddikjara li l-elementi rikjesti ghar-reat ta' ricettazjoni u cioe ix-xjenza doluza, hija nieqsa totalment w ghalhekk ma tistax issib lil imputat hati tas-serq taz-zukkariera, ghalkemm jirrizulta li din kienet insterqet tmin snin qabel m'effettivament instabet ghand l-imputat.

Dwar il-pittura li spiccat f'idejn il-Brigadier Maurice Calleja fit-tlettax t'Awwissu 2000, ma jirrizultax li din efettivament kienet insterqet minghand terzi persuni, ghaliex fl-atti ma

hawn l-ebda prova dwar is-serqa li semma l-ufficcjal investigattiv fix-xhieda tieghu gejja minn prorpjeta tas-Sur Ripard il-Madliena. Dwar din l-allegata serqa fl-atti ma jirrizulta xejn, la meta saret, la x'kien insteraq, la min kien id-derubat, xejn, w ghalhekk zgur li ma nistghux nghidu li l-pittura giet minn xi attivita llegali. In oltre l-imputat ipprova li kien xtraha minghand nies li semma fl-i*statement* tieghu, liema nies ma jirrizultawx li ma gewx investigati mill-pulizija. Lanqas ma jirrizulta li l-prezz kien wiehed irrizorju, ghaliex ma jirrizultax la l-prezz li kien hallas l-imputat ghaliha u lanqas il-prezz li kien bieghha.

Ghalhekk din l-akkuza ta' ricettazzjoni wkoll ma gietx ippruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar l-akkuza ta' recidiva, peress li l-Qorti ma sabitx lil imputat hati tal-ewwel tlett akkuzi, ma tistax issibu hati ta' din l-akkuza ta' recidiva.

**Ghaldaqstant, il-Qorti, rat l-artikoli tal-ligi 20, 23, 31, 49, 50 261 (b) (c), 263, 264, 266, 267, 330, 279(b), 280, 281, 289, 325 (a) 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat JOSEPH CINI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-imputat gie lliberat minn dawn l-akkuzi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------